

32002D0359

L 127/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

14.5.2002

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Mejju ta' l-2002

dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità ta' prodotti għall-bini f'kuntatt ma' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, bi qbil ma' Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE

(notifikata taħt id-dokument numru K(2002) 1417)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2002/359/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KE tal-21 ta' Diċembru ta' l-1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar prodotti għall-bini ⁽¹⁾, kif emendata permezz tad-Direttiva 93/68/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikolu 13(4) tagħha,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni hija meħtieġa li tagħżel, bejn iż-żewġ proċeduri taħt Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE għall-attestazzjoni tal-konformità ta' prodott, l-"inqas proċedura oneruża possibbli konsistenti mas-sigurtà". Dan ifisser li huwa neċessarju li jiġi deċiż jekk, għal prodott partikolari jew familja ta' prodotti, l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni ta' fabbrika taħt ir-responsabbiltà tal-fabbrikant hiex kondizzjoni neċessarja u suffiċjenti għall-attestazzjoni ta' konformità, jew jekk, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konformità mal-kriterji msemmija f'Artikolu 13(4), huwiex meħtieġ l-intervent ta' korp ta' ċertifikazzjoni approvat.

(2) Artikolu 13(4) tad-Direttiva 89/106/KEE jeħtieġ li l-proċedura b'hekk stabbilita għandha tiġi indikata fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Għalhekk, huwa mixtieq li jiġi ddefinit l-kunċett ta' prodott jew familja ta' prodott kif użat fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

(3) Iż-żewġ proċeduri li għalihom hemm provdut f'Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettall f'Anness III għad-Direttiva 89/106/KEE. Huwa għalhekk neċessarju li l-metodi li permezz tagħhom għandhom jiġu implimentati ż-żewġ proċeduri jiġu speċifikati b'mod ċar, permezz ta' referenza għal Anness III għal dik id-Direttiva, għal kull prodott jew familja ta' prodott, billi Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi.

(4) Il-proċedura msemmija f'punt (a) ta' Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE tikkorrispondi għas-sistemi stabbiliti fl-ewwel possibiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u t-tielet possibiltà ta' punt (ii) tas-sezzjoni 2 ta' Anness III. Il-proċedura msemmija fil-punt (b) ta' Artikolu 13(3) tikkorrispondi għas-sistemi stabbiliti fil-punt (i) tas-sezzjoni 2 ta' Anness III, u fl-ewwel possibiltà, b'sorvellanza kontinwa, ta' punt (ii) tas-sezzjoni 2 ta' Anness III.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti stabbiliti f'Anness I għandu jkollhom il-konformità tagħhom attestata permezz ta' proċedura li biha, flimkien ma' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika mħaddma mill-fabbrikant, ikun involut korp ta' ċertifikazzjoni approvat fl-istima u fis-sorvellanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

⁽¹⁾ ĠU L 40, tal-11.2.1989, p.12.

⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.8.1993, p.1.

Artikolu 2

Il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità stabbilita f'Anness II għandha tiġi indikata fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija f'Artikolu 4 tad-Direttiva 89/106/KEE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Mejju 2002.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

Assemblaġġi ta' sistemi ta' pajpijiet u sistemi ta' ħżin, pajpijiet, tankijiet, valvijiet, viti, pompi, *meters* ta' l-ilma, apparat ta' protezzjoni u ta' sigurtà, tagħmir ta' muntaġġ, adesivi, ġonot, *joint sealings*, *gaskets*, *membranes*, reżini, kisjiet li jinkludu *linings*, lubrikanti u griż f'kuntatt ma' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

ANNEX II

ATTESTAZZJONI TA' KONFORMITÀ

Għall-prodott(i) u għall-użu li għalih(om) huwa (huma) maħsub(in) elenkati taħt, CEN/CENELEC/EOTA huma mitlubin jisspeċifikaw is-sistema(sistemi) ta' attestazzjoni ta' konformità li ġejja(ġejjin) fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti li hemm referenza għalihom f'Artikolu 4 tad-Direttiva 89/106/KEE.

Prodott (prodotti)	L-użu li għalih huma maħsubin	Livell(i) jew klassi(jiet)	Attestazzjoni ta' konformità ta' sistema(sistemi)
— Assemblaġġi (ta' sistemi ta' pajpijiet u sistemi ta' ħżin) — Pajpijiet — Tankijiet — Valvijiet, viti, pompi, <i>meters</i> ta' l-ilma, apparat ta' protezzjoni u ta' sigurtà — Tagħmir ta' muntaġġ, adesivi, <i>ġonot, joint sealings, gaskets</i> — <i>Membranes</i>, reżini — Kisjiet — Lubrikanti u griż	Finstallazzjonijiet għat-trasport/distribuzzjoni/ħżin ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem sa u li jinkludu, il-viti tal-konsumatur	-	1 + ⁽¹⁾

⁽¹⁾ Ir-rendiment tal-prodotti, għajr dak li għandu x'jaqsam mal-karatteristiċi sanitarji tal-prodott (jekk huwiex tajjeb sabiex jiġi f'kuntatt ma' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem), għandha tiġi stmata billi jiġu segwiti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 1999/472/KE, ippubblikati fil-ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 42).

Sistema 1+: ara CPD l-Anness III(2)(i), b'*audit testing* tal-kampjuni

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tkun tista' tiġi implimentata anke meta ma jkunx hemm bżonn li r-rendiment jiġi stabbilit għal ċerta karatteristika, minħabba li għallinqas Stat Membru wieħed ma jkollu ebda htiġa legali għal karatteristika bħal din (ara Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE) u, fejn applikabbli, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każijiet, il-verifika ta' karatteristika bħal din ma għandhiex tiġi mposta fuq il-fabbrikant jekk huwa ma jkunx jixtieq jiddikjara r-rendiment tal-prodott f'dak ir-rigward.